MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Numru. 1063/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Noel Gauci ta' 40 sena bin Santino u Theresa nee' Grech, imwieled Paola fid-9 ta' Mejju 1971 u joqghod f'Pearl, Imdina Road, Zebbug, detentur tal-karta ta' l-identia` numru 218071 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'xi granet f'Novembru 2011 u wara, f'dawn il-Gzejjer:

1. bil-hseib li jwettaq frodi b'eghmil qarrieqi, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' frodi b'eghmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kawlifiki foloz, je billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex

gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz , jew ta' hila, jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex ghamel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra, ta' aktar minn mitjen u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u liema frodi ma giex esgwit minhabba xi haga accidentali u indipendenit mill-volonta tieghu (€1,037)

2. u aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijijiet jew fatti , illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippuruvaw;

3. u aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

4. sabiex jikseb vantagg, ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorita pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni falza jew ta' taghrif falz;

5. u aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza saru difinittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali relattivamnet nadifa u l0-fatt illi l-imputat hallas l-ammont li kellu dovut kollu lil Transport Malta bhala registration tax, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Brian Farrugia rapprezentant ta' Transport Malta u r-ricevuti esebiti mill-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 183, 184, 188, 308, 310(1)(b), 49 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-Atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------